MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 228/2005/1

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Rachel McKay u l-istess Rachel Mckay**

**vs**

**Elmo Insurance Limited in successjoni ta' l-Elmo Insurance Agency Limited ghar-Royal & Sun Alliance plc, bhala assikuraturi ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' Dabia Abdul Baset**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Frar, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat fil-21 April 2005 fejn l-atturi talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta'

konvenuta li prevja d-dikjarazzjoni li, ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta hija ghandha hekk taghmel, thallas lill-Untours Insurance Agents Limited noe Lm3477.20c u lil Rachel McKay Lm35 u dana biex tigi esegwita s-sentenza ta' dina l-Qorti fl-ismijiet Avviz 282/03/DM Untours Insurance Agents Ltd (C5655) noe et vs Dabia Abdul Baset (dwar liema kawza inti gejt debitament notifikat b'ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 2003). Flimkien mal-ispejjez ta' dik il-kawza, komprizi VAT fuq Lm146 – ghalhekk Lm366.28c b'kollox.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ma' dana l-avviz qed jigu esibiti s-segwenti dokumenti:
Dok A: kopja tas-sentenza, moghtija fid-9 ta' Lulju, 2004 fil-kawza Avviz 482/03/DM Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Dabia Abdul Baset
Dok B: it-taxxa tal-ispejjez ta' l-istess kawza
Dok C: kopja ta' l-ittra ufficjali mill-atturi lis-socjeta' konvenuta b'avviz dwar il-kawza Avviz 482/03/DM suriferita meta din kienet giet intavolata.
Dok D: kopja tal-protest gudizzjarju prezentat mill-atturi fl-atti ta' l-avviz 482/03/DM, kontra Elmo Insurance Ltd noe fejn gew elenkati l-fatti, protest prezentat fit-2 ta' Frar 2005.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited fejn eccepiet illi:

1. Ghalkemm huwa minnu li meta l-atturi intavolaw il-kawza bin-numru 482/03/DM huma nnotifikaw lill-eccipjenti permezz ta' ittra ufficjali (skond il-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta) prezentata fid-29 ta' Settembru 2003 fejn avzawha li kienu intavolaw dik il-kawza, huwa veru wkoll li l-eccipjenti wiegbet tempestivament ghal dik l-ittra

ufficjali fejn ghamlet cara l-posizzjoni taghha. Din l-ittra ufficjali kienet prezentata fl-14 ta' Ottubru 2003 u kienet notifikata lill-atturi fit-22 ta' Ottubru 2003.

2. Fl-imsemmija ittra ufficjali taghha, wara li ghamlet riferenza ghall-ittra ufficjali tal-atturi tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-incident stradali li gara l-Mosta fis-27 ta' Lulju 2003 bejn il-vetturi Nru RAC 284 u DAL 331, l-eccipjenti gharrfet lill-atturi li Dabia Abdul Baset, xufier tal-vettura DAL 331, <u>ma pproduciex licenzja tas-sewqan valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghas-sodisfazzjon tal-eccipjenti kif kien obbligu tieghu.</u> Ghalhekk ghar-rigward tal-incident stradali de quo, ma kienx hemm koperatura assikurattiva da parti tal-eccipjenti, lanqas ghal fini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imgieba tal-eccipjenti mhux biss kienet skond il-ligi, izda kienet motivata minn sens ta' lealta' u prudenza, u fl-istess waqt tempestiva sabiex l-atturi jkollhom bizzejjed zmien sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom kontra Dabia Abdul Baset.

3. Illi fil-polza li l-eccipjenti kienet harget fir-rigward tal-vettura DAL 331 jinghad hekk: *"...the policy will not insure any liability while any motor vehicle insured by the policy is being:.....(c) driven by any person who has been disqualified from driving or has not held a driving license to drive the motor vehicle or is prevented by law from holding one"*. "Exlcusion" simili jekk mhux identika tirrizulta f'polizzi mahruga mis-socjeta' attrici.

4. Illi l-eccipjenti harget il-polizza ghaliex l-assikurat prospettiv iddikjara li kien fil-pussess ta' licenzja tas-sewgan valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Dik il-persuna kellha l-obbligu tal-"uberrima fidei" – principju basilari tal-ligi tal-assikurazzjoni. Il-grad ta' inadempjenza o meno tal-assikurat ma tistax tirrizulta fid-data tal-hrug tal-polizza izda fid-data meta jinvoka l-operat tal-

polizza u cioe' fil-kaz ta' "claim". U fil-kaz in ezami in-nuqqas tal-assikurat irrizulta proprju f'dan it-tieni stadju.

5. Illi fl-istat tad-dritt kif kien vigenti fiz-zmien tal-incident in kwistjoni, ma kien hemm ebda obbligu tal-esponenti li skond il-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta taghmel tajjeb lit-terz meta ma jirrizultax li l-assikurat kien fil-pussess ta' licenzja tas-sewqan valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. L-istat tad-dritt f'dan il-kuntest inbidel b'effett mill-1 ta' Mejju 2004 wara li l-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta kien emendat bl-Att XXX tat-2002.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza jidhru illi huma pacifici bejn il-partijiet. In segwitu ta' incident awtomobilistiku bejn Rachel McKay assikurata tas-socjeta' attrici u Dabia Abdul Baset l-assikurat tas-socjeta' konvenuta, s-socjeta' attrici istitwiet proceduri legali kontra Dabia Abdul Baset permezz ta' l-avviz numru 282/03/DM. Fil-kors ta' dawn il-proceduri s-socjeta' konvenuta giet mgharrfa bil-kawza permezz ta' ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 2003 notifikata lis-socjeta' konvenuta. Fis-sentenza tad-9 ta' April 2004 il-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba tas-socjeta' attrici u kkundannat lil Dabia Abdul Baset li jhallas l-ammont imsemmi fl-avviz.

Minn hawn jidher li beda d-disgwid bejn il-partijiet. Filwaqt illi l-atturi bil-konfort ta' sentenza esekuttiva warajhom talbu l-hlas minghand is-socjeta' konvenuta. Din ta' l-ahhar irrifjutat li thallas peress li Baset ma onorax it-termini tal-

polza, ma gabx il-licenzja tas-sewqan u quindi dehrilhom illi f'dawk ic-cirkostanzi ma jonorawx it-talba.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi minkejja illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata bl-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104, b'daqshekk ma jfissirx li hija tista' ddahhal kwistjonijiet fil-kawza illi mhumiex strettament fil-binarji tal-kawzali ta' l-azzjoni. Fl-ewwel kawza s-socjeta' attrici u Rachel McKay kienu talbu dikjarazzjoni tar-responsabbilta' ta' incident stradali u quindi s-socjeta' konvenuta la darba giet notifikata b'dik il-kawza setghet tiddefendi l-assikurat taghha u tikkontesta r-responsabbilta' ta' l-incident. Jekk l-assikurazzjoni kellha xi raguni l-ghala ma tonorax l-polza illi kellha ma' l-assikurat taghha, allura din hija xi haga ghal kollox estraneja ghal kawza ta' responsabbilta' ta' l-incident u quindi zgur f'dik l-ewwel kawza l-assikurazzjoni ma setghetx tqajjem il-validita' o meno tal-polza. Dan lanqas ma setghet taghmlu li kieku ntervjeniet direttament fil-kawza biex tipprotegi xi interessi li setgha kellha naxxenti mill-polza ta' l-assikurazzjoni.

Ricentement fil-Qorti ta' l-Appell inghatat sentenza fl-ismijiet *'<u>Rita Seguna</u> <u>noe vs Loren Rita Abela et noe</u>'* fis-26 ta' Jannar 2007 fejn il-Qorti qalet *"la darba, l-intervjenti mhuwiex parti fil-kawza, ma tistax tinghata decizzjoni fil-konfront tieghu, u jithalla jintervjeni jekk ghandu interess fil-kawza <u>kif proposta</u> u mhux biex isostni xi interess partikolari ghalih."* Kompliet tghid *"l-istess socjeta' appellanti ma setghetx lanqas tissodisfa lill-Qorti li kellha interess tintervjeni fil-gudizzju a norma ta' l-artikolu 960 tal-Kap 12 billi din ma setghetx, fuq dik il-bazi, tiddemostra interess sostanzjali u reali, imma biss interess derivattiv fl-ezitu. Interess li l-ligi specjali (Kap 104) tirriserva biss ex post facto*

*l-hlas tar-risarciment u fil-konfront tal-persuna assikurata."*

Dan ifisser quindi illi fatt li l-atturi ottjenew sentenza favur taghhom u l-konvenut Dabia Abdul Baset gie kkundannat ihallas l-ammont mitlub ma jfissirx illi ergo s-socjeta' konvenuta bhala l-assikurazzjoni tieghu kellha bilfors thallas la darba l-ligi ta' allura, kienet tippermettilha illi ma tonorax il-polza ta' l-assikurazzjoni minhabba nuqqas ta' l-assikurat taghha.

Ikkunsidrat:

Din hija proprju s-sitwazzjoni illi kienet tezisti dakinhar ta' l-incident fis-27 ta' Lulju 2003. Sussegwentement, permezz ta' l-Att XXX tal-2002 li giet introdotta fl-1 ta' Mejju 2004 u quindi wara l-incident, in-nuqqas tal-licenzja tas-sewqan ta' l-assikurat ma baqghetx aktar kunsidrata bhala raguni l-ghala l-assikurazzjoni ma tonorax l-obbligazzjonijiet taghha tramite l-polza u l-argumenti migjuba mis-socjeta' konvenuta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha llum m'ghadhomx japplikaw, pero' hawn si tratta tal-Kamp Civili fejn il-ligijiet ma jistghux jigu applikati retroattivament.

Fl-2003 ir-ragunijiet l-ghala l-assikurazzjoni kellhom bilfors jonoraw l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghhom ma kienetx tinkludi nuqqas ta' licenzja tas-sewqan, quindi ghalhekk gustament, is-socjeta' konvenuta argumentat illi bis-sitwazzjoni tal-ligi kif kienet dakinhar, hija kellha kull ragun illi topponi t-talba tas-socjeta' attrici illi thallas skond il-gudikat fuq imsemmi ladarba l-ligi kif kienet dakinhar kienet tawtorizza ma tonorax il-polza.

Il-fatt illi socjeta' konvenuta accettat il-premium minghand l-assikurat u harget il-polza ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali. Jekk l-assikurat kien traskurat u ma qghadx ghal kondizzjonijiet tal-polza, quindi

huwa ghandu jitqies bhala personalment responsabbli ghall-incident u ma jistax idur fuq l-assikurazzjoni tieghu ghan-nuqqas ta' pagament ladarba kien hu stess illi ma onorax il-kundizzjonijiet tal-polza. Illum, kif gia nghad is-sitwazzjoni hija differenti u tkompli turi t-tendenza li l-legislatur dejjem jiffavorixxi lit-third party u kif tajjeb osserva l-avukat ta' l-atturi fit-trattazzjoni tieghu t-third party ghandu dejjem ikun protett u f'kaz ta' dubbju ghandu dejjem jiehu l-beneficcju tal-ligi, pero' f'dan il-kaz il-Qorti ma tara l-ebda dubbju.

Is-sitwazzjoni hija cara: l-ittra ufficjali pprezentata fl-isfond tal-Kap 104 ma taghtix drittijiet lill-assikurazzjoni tal-konvenut assikurat li tqajjem kwistjonijiet fil-kawza illi huma totalment estraneji ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' jew tal-kawzali hemm indikati. It-tieni, bis-sitwazzjoni li kienet vigenti dak inhar, il-kanonizzazzjoni tal-kreditu ma kienx jimponi obbligazzjoni awtomatika fuq is-socjeta' assikurattici konvenuta sabiex dina thallas jekk kienu jezistu ragunijiet validi l-ghala ma tonerax il-polza minhabba nuqqas ta' l-assikurat taghha.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' konvenuta ghandha ragun topponi t-talba ta' l-atturi ladarba l-assikurat taghha Dabia Abdul Baset naqas illi josserva l-kondizzjonijiet tal-polza liema nuqqas kien jintitola lis-socjeta' assikurattrici li ma tonorax l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-polza u Dabia Abdul Baset jibqa' personalment responsabbli versu l-atturi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-atturi. Bl-ispejjez kontra taghhom."

Appellaw minn din is-sentenza l-atturi biex jitolbu revoka taghha. Dan bl-obbjezzjoni illi l-kumpanija assiguratrici konvenuta ma kellhiex tigi premjata ghall-fatt li, *ex-post* l-incident li ta lok ghad-danni u li fih kien ko-involt l-assigurat taghha, din dehrilha li l-polza kienet harget erronjament ghax l-assigurat taghha kien qarraq biha;

Telegrafikament, il-fatti saljenti tal-kawza huma dawn li jsegwu:-

(1) Is-socjeta` konvenuta harget polza ta' assikurazzjoni (Motor Insurance) biex tkopri lil certu Abdul Baser Mohammed Dabia kontra r-riskji ta' terzi persuni;

(2) Fis-27 ta' Lulju 2003 l-imsemmi assigurat kien involut f' incident awtomobilistiku dwar liema gie misjub fi htija u kkundannat ghar-rizarciment tad-danni ghaf-favur tas-socjeta` assiguratrici attrici u l-assigurata taghha, Rachel McKay, b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Lulju 2004;

(3) Is-socjeta` konvenuta ma ppartecipatx f' din il-*lite*, anke jekk hi giet notifikata b' ittra ufficjali (29 ta' Settembru 2003) emessa mis-socjeta` attrici u l-assigurata taghha dwar it-tehid tal-proceduri;

(4) Kemm qabel, kif ukoll wara, is-sentenza kundannatorja fuq imsemmija, is-socjeta` konvenuta kkontendiet illi ma kienx hemm kopertura assikurativa ghaliex l-assigurat taghha ma kellux licenzja valida biex isuq il-vettura, jew dan naqas li jipproduciha. Ara ittra ufficjali responsiva tas-16 ta' Frar 2004 (fol.30) u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

(5) L-atturi opponew din il-kontenzjoni tas-socjeta` konvenuta bl-argoment illi din kien messha, qabel ir-ricezzjoni tal-*premium* u l-hrug tal-polza, ghamlet xogholha sew u mhux tibbaza ruhha, b' difiza, fuq verifiki maghmula wara l-incident. Ara kopja tal-protest gudizzjarju taghha a fol. 7;

(6) Jirrizulta li l-polza ma gietx ikkancellata izda sempliciment reza inoperattiva sakemm l-assigurat ma jipproducix il-licenza tieghu tas-sewqan. Ara xhieda in kontro-ezami ta’ Lino Ferris, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta a fol. 34 tal-process;

Premessi dawn il-fatti, huwa car minn ezami ta’ l-atti materjali tal-kaz illi s-socjeta` konvenuta qed tiddefendi l-posizzjoni minnha assunta fir-rezistenza ghall-hlas reklamat bit-talba attrici b’ dawn ir-rilevanzi:-

(i) L-*“exclusion*” inserita fil-polza li tghid li “*… the policy will not insure any liability while any motor vehicle insured by the policy is being driven by any person who has been disqualified from driving or has not held a driving licence to drive the motor vehicle or is prevented by law from holding one*”;

(ii) L-istat tal-ligi fiz-zmien ta’ l-incident, kif dixxiplinat taht il-Kapitolu 104. Senjatament, l-assenza ta’ imposizzjoni ta’ l-obbligu fuqha li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mit-terz danneggjat meta ma jkunx jirrizulta li l-assigurat taghha kien fil-pussess ta’ licenzja valida tas-sewqan;

Jidher li din il-posizzjoni difensjonali adotta mis-socjeta` konvenuta rceviet l-adezjoni shiha ta’ l-ewwel Qorti in bazi ghar-ragonament illi, fl-istat tal-ligi kif kienet dakinhar ta’ l-incident, is-socjeta` konvenuta kellha kull dritt tinvoka l-klawsola ta’ l-eskluzjoni ghan-non rispondenza taghha taht il-polza *di fronte* ghat-terz danneggjat u/jew socjeta` asskurativa tieghu. L-appell ta’ l-atturi jikkontesta dan ir-ragonament. Koncizament, huma jissottomettu illi kien doveruz fuq is-socjeta` konvenuta illi, *a priori* ta’ l-emissjoni ta’ polza assikurativa u ta’ l-accettazzjoni tal-*premium*, tivverifika li min talab il-polza f’ ismu kien munit b’ licenzja tas-sewqan, u mhux taghmel tali verifika wara li jkun sehh l-incident;

Huwa maghruf fl-ambitu tad-dixxiplina assikurativa illi jimponi ruhu fuq l-assigurat l-obbligu ta’ l-informazzjoni u tal-kollaborazzjoni, u illi, jekk dan jigi nieqes, igib mieghu certi konsegwenzi. Hekk, ad ezempju, fejn l-assigurat ikun ipprovda taghrif inezatt jew zamm lura milli jaghti t-taghrif materjali rikjest dan jista’ jwassal ghan-nullita tal-polza jew dik ta’ l-*avoidance* taghha. Ara f’ dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet “**Salvu Briffa -vs- Walter Camilleri *nomine***”, Appell, 9 ta’ Frar 2001. Jista’ jaghti l-kaz ukoll illi n-nuqqas ta’ ko-operazzjoni mill-assigurat tinduci lill-assikurazzjoni biex tiddelimita l-garanzija assikurativa bl-invokazzjoni ta’ xi “*exclusion clause*” stabbilit mill-kuntratt. Effettivament, l-eskluzjoni ta’ xi event mill-kopertura assikurativa tikkostitwixxi, proprjament, delimitazzjoni ta’ l-oggett tal-kuntratt u, in kwantu fonti ta’ patt bejn l-assigurat u l-assigurazzjoni, hi opponibbli mill-assiguratur meta tinsorgi stiwazzjoni ta’ reklam ghall-indennizz. Dan sew mill-assigurat innifsu jew mit-terz danneggjat. Fil-fehma ponderata ta’ din il-Qorti ma jidherx li l-assiguratur ghandu xi oneru impellenti li jaccerta ruhu mill-veridicita` tad-dikjarazzjonijiet li jsirulu jew li joqghod jirricerka l-validita` taghhom meta bis-sahha tal-kuntratt, u l-aktar ta’ l-*exclusion clause* inserita fih, “dak l-oneru hu mixhut fuq l-assigurat. Naturalment, anke hawn, tista’ dejjem tingieb il-prova kuntrarja li turi li l-assiguratur kien a konoxxenza tac-cirkustanza ta’ fatt li nzamm lura, jew inezattament dikjarat, jew, bhal f’ dan il-kaz, naqas li jigi sostenut bid-debita produzzjoni tal-licenzja tas-sewqan. Intant, tali prova ma saretx u, allura, l-*exclusion clause* in kwestjoni ghandha tircievi l-effettivita` kollha taghha;

Irid jizdied, imbaghad, illi l-fatt tal-versament tal-*premium* u/jew l-accettazzjoni tieghu da parti tas-socjeta` assigurativa ma ghandux ghal daqshekk jigi interpretat bhala xi fatt ekwipollenti jew sostitutiv ta’ dak l-obbligu inkombenti fuq l-assigurat ta’ l-adempiment tieghu mal-kundizzjonijiet tar-rapport bilaterali kostitwit bil-polza;

Dan iwassal ghat-tieni riljiev maghmul mis-socjeta` konvenuta. Hu pacifiku illi “*gli effetti della obbligazione, si*

*regolano, in ogni tempo, dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*" ("**Filomena Borg *et* -vs- Antonio Borg**", Appell Civili, 28 ta' Gunju 1907). Li jfisser, fl-ipotesi tal-kaz hawn ikkontemplat, illi l-obbligazzjoni tas-socjeta` konvenuta li tirrispondi bir-rizarciment tad-danni ghandha tkun rigwardata fil-parametri tal-Kapitolu 104 kif fid-disposizzjonijiet tieghu statwit fil-mument li sehh l-incident u li allura ta lok ghall-insorgenza ta' l-obbligazzjoni. Kif awtorevolment profess, "meta gudikant jew interpretu jigi biex japplika l-ligi ghall-kaz prattiku, l-ewwel tfittxija u indagini li ghandha ssir minnhom hija dik li jaraw liema ligi ghandha tigi applikata; u din in-necessita tidher aktar cara specjalment meta ligi gdida tigi attivata u maghmula effikaci dwar materja li qabel jew ma tkunx regolata, jew tkun regolata mil-ligi anterjuri. Dan aktar u aktar johrog car meta jigi konsiderat li l-materja in diskussjoni tkun tirrigwarda fattijiet kompjuti, jew li kellhom il-bidu u l-inkomincjament taghhom taht l-imperu tal-ligi antika jew anterjuri li tkun irregolathom u jipprotraw ruhhom, f' din l-ahhar ipotesi (mhux fl-ewwel wahda tal-fatt kompjut) taht il-ligi l-gdida." ("**Chev. Antonio Cassar Torreggiani *nomine* -vs- Nutar Dr. Vincenza Gatt *nomine***", Appell Civili, 12 ta' Mejju 1950). Fil-kaz prezenti l-fatt accertat ghal liema japplika l-Kapitolu 104 kien gja kompjut qabel id-dhul fis-sehh (1 ta' Mejju 2004) ta' l-emendi introdotti ghall-Artikolu 10 bl-Att XXX ta' l-2002;

Fl-istat tal-ligi kif kienet, u kif sewwa rilevat mill-ewwel Qorti, l-assiguratur ma kellu ebda obbligu, anke jekk debitament notifikat b' ittra ufficjali, illi jaghmel tajjeb ghall-hlas reklamat mit-terz danneggjat meta l-assigurat tieghu ma jkunx onora t-termini tal-polza assikurativa ghax naqas li jipproduci licenzja tas-sewqan. Dak li in effetti nstab li hu l-kaz hawnhekk. L-accertament ta' din il-kwestjoni ta' fatt kien allura jintitola lis-socjeta` konvenuta, fl-istat tal-ligi imperanti meta sehh l-incident, topponi ruhha ghat-talba li saritilha bir-rikjam ghal "*exclusion clause*" - dak li fl-istat attwali tal-ligi ma tistax aktar tippretendi li tista' taghmel b' success;

Bir-rispett dovut, imbaghad, lil qaghda tas-socjeta` appellanti ma jistax ikollu, taht l-aspett guridiku, ebda valur l-obbjezzjoni illi r-ragonament ta' l-ewwel Qorti jista' jwassal ghal konsegwenza li jikkastiga lilha u jippremja lil parti avversa. Jinsab sekolarment affermat illi "*appartenendo al potere giudiziario la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto delle controversie, non è di sua competenza di incaricarsi delle conseguenze che ne derivano da siffatte applicazioni*" ("**Gollcher -vs- Ostmann**", Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Marzu 1866).

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------